**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 991/97

Euchar sive Tony Grech

vs

Ministru tal-Edukazzjoni u Direttur tal-Edukazzjoni u l-Avukat Generali

Illum 15 ta' Frar, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi fil-15 ta' Novembru 1988 ir-rikorrenti nghata warrant temporanju ta' ghalliem biex jezercita' dina l-professjoni fir-Repubblika ta' Malta kif hemm provedut fl-Artiklu 10 tal-Kap 327.

Illi dan il-warrant kien validu ghal sena u gie prorogat minn sena ghas-sena sakemm ir-rikorrenti nghata warrant ta' ghalliem permanenti kif hemm provedut fl-Artikolu 9 tal-imsemmi ligi (Warrant Nru 5917).

Illi ir-rikorrenti ssottometta illi saret ingustizzja fil-konfront tieghu u kien hemm "undue distinction" u dan billi ir-rikorrenti kien jikkwalifika ghal warrant permanenti meta applika fil-15 ta' Novembru 1988 u inoltre, kien hemm persuni ohra li f'cirkostanzi simili nghataw warrant ta' ghalliem permanenti u f'dan ir-rigward ir-rikorrent jsemmi lil Charles Mock, certu Bajada (P3375) certu Grillo (P1836) Lagana (P1598) Elise Micallef (P4298), Randon (P3355) u Taylor (P1446).

Illi ir-rikorrent ghandu kwalifiki u esperjenza sufficjenti sabiex jikkwalifika ghall-imsemmi warrant ta' ghalliem permanenti kif hemm stipulat fl-imsemmi Kap 327 u dan sa minn qabel 1988.

Illi b'rizultat tal-fatt li ir-rikorrent jinghata l-warrant t'ghalliem permanenti fil-1994 u mhux fil-1988 ir-rikorrenti sofra telf materjali fis-somma komplessiva ta' Lm10,972 kwantu ghal Lm8,132 bhala paga mitlufa in kwantu ghal Lm2,840 bhala imghaxijiet sal-31 ta' Awwissu 1997 oltre telf ulterjuri li jigi rifless fuq il-pensjoni tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talab li dan it-Tribunal jisma' u jiddeciedi dwar lment tieghu skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji u taghti rimedju opportun billi prevja okkorendo dikjarazzjoni li ir-rikorrenti kien intitolat ghal warrant ta' ghalliem permanenti b'effett minn 15 ta' Novembru 1998 u jekk jkun il-kaz li tinghata ordni f'dan

is-sens, jigu ikkundannati l-konvenuti jew minn minnhom jhallsu kumpens lilir-rikorrenti fil-massimu permess skond il-ligi.

Ra l-elenku tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

Ra r-risposta tal-intimati li biha eccepew:

1. Illi r-rikors odjern m'ghandu ebda lista ta' xhieda kif rikjest mil-ligi u ghalhekk huwa null.

2. Illi l-ilment tar-rikorrent ma jinkwadrax taht l-artiklu 6 ta' l-Att VIII ta' l-1997.

3. Illi t-Tribunal ma jistax jissostitwixxi d-diskrezzjoni li ghandu l-Ministru taht l-artikolu 9(3)(d) ta' l-Att XXIV ta' l-1988.

4. Illi s-Sur Grech applika ghal Teacher's Warrant fit-28 ta' Dicembru 1988 u wara li d-dokumenti li ssottometta gew studjati huwa gie moghti Warrant temporanju Nru 1447. Ara dokumenti A1, A2, u A3 mehmuzin.

5. Illi s-Sur Grech accetta l-warrant temporanju u kien biss fil-15 ta' Gunju 1992 li huwa rega ssottometta applikazzjoni ohra ghal Teacher's Warrant. Ara dokumenti B1 u B2 mehmuzin.

6. Illi wara li l-Bord ikkonsidra t-tieni applikazzjoni tieghu u talab il-parir ta' Dr. P. Heywood Chairman tal-Bord ta' l-Ekwivalenza dwar kwalifiki, prima facie kien jidher li s-Sur Grech ma kellux

il-kwalifiki mehtiega ghal Warrant Permanenti u s-Sur Grech gie nfurmat dwar dan fit-28 ta' Ottubru 1992. Ara dokument C1 u C2.

7. Illi t-Teacher's Warrants Board wara li kkunsidra t-***teaching experience*** tas-Sur Grech issottometta l-kaz lill-Ministru biex jiehu decizjoni skond id-diskrezzjoni tieghu, skond direttivi li huwa stess kien ta' fl-1 ta' April 1992.

8. Illi wara li talab aktar dokumenti dwar l-esperjezna fit-taghlim li s-Sur Grech kellu fi skejjel Inglizi, il-Ministru, fl-24 ta' Jannar 1994 approva l-hrug ta' Warrant Permanenti. Is-Sur Grech inghata l-Warrant Permanenti Nru. 5197 li skond il-procedura normali, hareg b'sehh minn dik id-data. Ara dokumenti D1 u D2 mehmuzin.

9. Illi skond il-prattika normali il-warrant permanenti ma jigix ***back dated.*** Ara dokument E mehmuz.

Ghaldaqstant issottometta li t-Tribunal ghandu jichad it-talbiet tar-rikorrent bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi fil-25 ta' Jannar 2000 l-intimat irtira l-ewwel eccezzjoni.

Illi fit-8 ta' Gunju 2000 it-Tribunal iddifferixxa l-kawza ghas-sentenza fuq it-tieni u tielet eccezzjoni.

L-ilment tar-rikorrent hu li r-rikorrent kien intitolat jinghata warrant permanenti ta' ghalliem a tenur tal-Att tal-Edukazzjoni tal-1988. L-intimat isostni li l-ghoti ta' warrant ma hix ta' kompetenza tat-Tribunal ***ratione materiae*** u dan ghax ma jinkwadrax ruhu fl-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997.

Dan it-Tribunal fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Barbara vs Med Serv Limited et" deciza fl-10 ta' Mejju, 1999 dwar kompetenza qal hekk:

"Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997. Dan jghid:

"6. (l) It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha

ggarrab, b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:

(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;

(b) hatriet, prornozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;

(c) dhul fl-impieg;

(d) licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi;

(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati.

F'dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta' l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta’ membri, ufficjali jew impjegati ta’ xi korp imwaqqaf b’ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi…

L-istess pricipju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta’ Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta’ Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta’ allowances mhux konnessi ma’ xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta’ Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta’ Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances”, fil-kaz ta’ George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta’ Malta deciz fit-28 ta’ Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna l-ghoti ta’ medalja, fil-kaz ta’ Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta’ Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta’ Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta’ hlas ta’ paga.

Differenti hu l-kaz ta’ “Downgrading” li ghalkemm ma jissemmix specifikament dan it-Tribunal qiesu bhal ta’ kompetenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet M. Micallef vs Malta

Shipbuilding Company Limited deciza fl-4 ta' Marzu 1999 minhabba li dan hu l-oppost ta' promozzjoni."

Fl-artikolu 2 tal-Kap 327 l-Att dwar l-Edukazzjoni insibu d-definizzjoni ta' warrant:

"*warrant*" tfisser kull *warrant* moghti taht l-artikolu 11 jew 12 ta' dan l-Att;

L-artikolu 12 (2) jsemmi kif persuna tikkwalifika ghal *warrant* permanenti, u cioe' trid tkun
(*a*) cittadin ta' Malta;
(*b*) hija ta' kondotta tajba; u
(*c*) tikkwalifika taht is-subartikolu (3) ta' dan l-artikolu.

Hu ovvju li l-ghoti ta' warrant taqgha taht id-definizzjoni ta' licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi. X'inhuwa warrant jekk mhux permess moghti mill-Ministru biex tista' tahdem ta' ghalliem? Ir-risposta hija ovvja li warrant hu permess. Ghalhekk jichad it-tieni eccezzjoni tal-intimat.

Fit-tielet eccezzjoni tieghu l-intimat eccepixxa illi t-Tribunal ma jistax jissostitwixxi d-diskrezzjoni li ghandu l-Ministru taht l-artikolu 9(3)(d) ta' l-Att XXIV ta' l-1988.

Huwa ovvju li t-Tribunal ma jistax u ma jridx jissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Ministru fl-ghoti ta' Warrants; izda huwa obbligu tat-Tribunal li fil-parametri tal-ligi jezamina jekk fil-fatt saritx xi ingustizzja fl-ghoti [jew nuqqas ta' ghotja] tal-warrant lir-rikorrent u nies ohra bhalu. Jekk din tikkostitwixxi ingustizzja, it-Tribunal hu obbligat li jaghmel dak li mil-ligi

johorgu l-obbligi tat-Tribunal kif definiti. Propju dan hu l-iskop tat-Tribunal dejjem f'dak li hu ta' kompetenza tieghu.

Dak li qieghed jigi sottomess mill-Ministru tal-Edukazzjoni hu t-tnehhija tat-Tribunal u tal-Qrati ghal affarijiet decizi mill-Ministri – haga li ovvjament hija assurda. Naturalment tali revizzjoni tad-diskrezzjoni taghhom mill-Qrati trid issir fil-parametri tal-ligi u gurisprudenza lokali. L-Att VIII tal-1997 huwa Att specjali li permezz tieghu l-Legislatur propju ried li tigi ezaminata d-diskrezzjoni mehuda mill-Gvern taht forom varjati u dan taht decizzjonijiet mehuda minn Ministri, Diretturi, skrivani, Bordijiet u entitajiet ohra. L-intenzjoni tal-legislatur kienet propju li fil-kazijiet imsemmija fil-ligi tigi ezaminata d-diskrezzjoni li kienet giet ezercitata. B'dan l-Att il-legislatur ried jawtorizza lit-Tribunal jinvestiga u jaghti r-rakkomandazzjonijiet li jidhirlu xierqa fil-kazijiet opportuni. L-Att VIII tal-1997 hija ligi specjali posterjuri ghall-Att tal-1988 dwar l-Edukazzjoni.

Qorti jew Tribunal ma ghandhomx jillimitaw l-operat tal-awtoritajiet kompetenti jew jissindikaw esercizzju ta' diskrezzjoni amministrattiva sakemm tali diskrezzjoni tkun ezercitata entro i termini tal-legislazzjoni. Naturalment diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata mal-principji tal-ligi partikolari, kif ukoll tal-ligijiet in generali, u specjalment konformi mal-Kostituzzjoni. Abbuz ta' diskrezzjoni jekk tirrizulta zgur li suppost tigi mistharrga mill-Qrati u t-Tribunal f'dan il-kaz. Dak li ghadu kif intqal mhu b'ebda mod kontra

dak li l-Prim'Awla [Imh J Said Pullicino] qalet fil-kawza fl-ismijiet "Carmel Cassar vs Ministru ghall-Isvilupp ta' Infrastruttura et" deciza fis-27 ta' Novembru, 1992 [Kollez LXXVI – Pt III – Pg 635]. Anzi jekk xi haga hija konformi ma' dak li qalet l-istess Qorti. It-Tribunal ghandu l-obbligu li jara jekk id-diskrezzjoni li giet ezercitata mill-Ministru meta cahad it-talba tar-rikorrent kienx qieghed jagixxi a tenur tal-Att 327.

Ghal dawn il-motivi jichad ukoll it-tielet eccezzjoni tal-intimat.

Spejjez kontra l-intimat.

Il-kawza differita ghall-bqija tal-provi ghall-25 ta' Mejju, 2001 fid-9.00 a.m.